

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 1



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

3 ta' Jannar 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1 tal-21 ta' Diċembru 2022 li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Orġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ["Salers" (DOP)]** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 761/2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1

tal-21 ta' Diċembru 2022

li japprova emenda mhux minuri fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ["Salers" (DOP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Salers", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ⁽²⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 828/2003 tal-Kummissjoni ⁽³⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhix minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba biex issir emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾, kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-modifika tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-isem "Salers" (DOP), hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 343 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' orijini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2003 tal-14 ta' Mejju 2003 li jemenda l-ispesifikazzjoni ta' 16-il isem li jidhru fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għal prodotti agrikoli u dawk tal-ikel (Danablu, Monti Iblei, Lesbos, Beaufort, Salers, Reblochon jew Reblochon de Savoie, Laguiole, Mont d'Or jew Vacherin du Haut-Doubs, Comté, Roquefort, Epoisses de Bourgogne, Brocciu corse jew Brocciu, Sainte-Maure de Touraine, Ossau-Iraty, Dinde de Bresse, Huile essentielle de lavande de Haute-Provence) (ĠU L 120, 15.5.2003, p. 3).

⁽⁴⁾ ĠU C 349, 12.9.2022, p. 11.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2**tal-21 ta' Diċembru 2022****li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 761/2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 761/2014 ⁽²⁾, preparazzjoni tensjoattiva għall-ħasil tal-ġilda u x-xagħar, ippreżentata fil-forma ta' ġel u li fiha, bi proporzjonijiet simili, komponenti speċifiċi għall-ħasil tal-ġilda u għall-ħasil tax-xagħar, ippreżentata fi flixkun tal-plastik li fih 300 ml, ippreżentat għall-bejgħ bl-imnut, kienet ikklassifikata taħt il-kodiċi 3401 30 00 tan-Nomenklatura Magħquda (NM) annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽³⁾, bħala "preparat għall-ħasil tal-ġilda, ippreżentat għall-bejgħ bl-imnut". Il-prodott huwa preparat għall-ħasil kemm tax-xagħar, skont it-tifsira tal-intestatura 3305 tan-NM, kif ukoll tal-ġilda skont it-tifsira tal-intestatura 3401. Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, ma kienx possibbli li jiġi determinat liema komponent jagħti lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu. Konsegwentement, bis-saħħa tar-regola ġenerali 3(c) għall-interpretazzjoni tan-NM, il-prodott kellu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura li tinsab l-aħħar f'ordni numerika, jiġifieri taħt l-intestatura 3401.
- (2) Matul id-69 sessjoni tiegħu f'Marzu 2022, il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata (HSC) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) approva l-opinjoni ta' klassifikazzjoni 3305.10/5 li tikklassifika ġel tax-xampus għall-ħasil tax-xagħar u tal-ġilda li fih ilma, aġenti tensjoattivi organiċi, glicerina, estratti tal-pjanti, sulfat tal-manjeżżju, glukonat taż-żingu, glikol tal-butilen, klorur tas-sodju, aċidu ċitriku, alkoħol, fwieħa, sustanzi aromatiċi u eċċipjenti, ippardjati fi flixkun ta' 250 ml għall-bejgħ bl-imnut. Dan ġie kklassifikat taħt l-intestatura 3305 tas-SA peress li n-nota 1(c) tal-Kapitolu 34 tas-SA, li teskludi "ix-xampus, id-dentifriċi, il-kremlin u r-ragħwa għat-tqaxxir tal-leħja, jew il-preparati għall-banju, li fihom is-sapun jew aġenti tensjoattivi organiċi oħrajn" minn dak il-Kapitolu u li tindika l-klassifikazzjoni fl-intestaturi 3305, 3306 jew 3307, titqies li kienet applikabbli għall-klassifikazzjoni tal-prodott. Konsegwentement, il-prodott ġie kklassifikat taħt is-subintestatura 3305 10 tas-SA li tikkorrispondi għall-kodiċi NM 3305 10 00, bl-applikazzjoni tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tas-SA u n-nota 1(c) tal-Kapitolu 34 tas-SA.
- (3) Minħabba l-karatteristiċi identiċi jew simili ħafna tal-prodott mal-preparat deskritt fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 761/2014, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-preparat, kif stabbilita fl-Anness ta' dak ir-Regolament, mhijiex f'konformità mal-opinjoni ta' klassifikazzjoni 3305.10/5.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 761/2014 tal-10 ta' Lulju 2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 207, 15.7.2014, p. 13).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

- (4) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE ^(*), l-Unjoni hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija. L-opinjoni ta' klassifikazzjoni approvati mill-HSC huma strumenti ta' gwida għall-miżuri tariffarji tal-Unjoni.
- (5) Bil-għan li tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tas-Sistema Armonizzata fil-livell internazzjonali u meta jitqies li l-opinjoni ta' klassifikazzjoni 3305.10/5 hija konformi mal-kliem tan-nota 1(c) tal-Kapitolu 34 tan-NM u tas-subintestatura 3305 10 tas-SA, jeħtieġ li jitħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 761/2014.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 761/2014 huwa mħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Gerassimos THOMAS

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

^(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)